# Xi tagħrif dwar ir-Rabat Għawdex (1)

minn Pawlu MIZZI

***Il-ħerqa għal aktar tagħrif fuq l-istorja f'Għawdex illum m'għadhiex xi ħaġa rari. Ħafna jiddelettaw bl-istorja tal-belt jew raħal tagħhom u ma nlumhomx jekk fihom titrabba ċerta ħeġġa għal dak li fl-imgħoddi sawwar l-ambjent ta' madwarhom u tahom identità li biha jħossuhom kburin. Dil-ħerqa tagħhom ta' min jinkoraġġiha, u hu b'dan l-iskop, li wara li qrajt il-korrispondenza ta' ASM, tħajjart nikteb sensiela ta' tliet artikli ta' tagħrif fil-qosor dwar il-belt il-qadima t'Għawdex. L-ewwel fost dawn hu dwar iż-żmien ġeografiku tagħha: it-tieni dwar l-ismijiet u t-tielet dwar l-avvenimenti li ġraw fiha.***

**L-aktar ħjiel bikrija ta' xi tip ta' urbanizzazzjoni fil-qalba t'Għawdex tfaċċaw fl-aħħar era preistorika, fil-fażi taċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien. L-oqbra li nstabu lejn ta' Bieb il-Għajn, fit-Tiġrija, taħt il-kastell u madwar il-parti l-qadima tar-Rabat juru li l-bniedem kien diġà beda jgħammar dawn l-inħawi.**

Skond il-Professur Trump fit-tieni millenju q.K. dal-bniedem kien qed jagħmel xi użu tal-qċaċet ċatti tal-għoljiet, jew bħala post ta' għassa jew wieħed ta' ħazna. M'hix ħaġa improbabbli, għalhekk, li f'dawn iż-żminijiet, l-għolja, fejn illum hemm il-kastell, kienet ukoll użata għal xi wieħed minn dawn l-iskopijiet. Fuq għadd ta' qċaċat oħra bħalha għadhom sa llum jidhru silos għal ċereali. Dawk, iżda, kienu żminijiet proto-urbanistiċi meta kull attività tal-bniedem f'dawn l-inħawi għolja kienet aktarx motivata minn biża' ta' nies oħra b'kulturi differenti. Trump jgħid li kull tip ta' użu ta' dawn l-għoljiet waqaf ħesrem ftit wara li beda.



Impressjoni artistika tar-Rabat, kmieni fis-seklu 18. Fl-isfond jidher il-kastell medjevali li kien modernizzat fl-ewwel snin tas-seklu 17

## Tpartit ta' ideat u prodotti

Xi antropoloġi, fosthom il-Professur Renfrew, huma tal-fehma li l-bniedem fil-gżejjer tagħna dak iż-żmien kien ġa għadda mill-perijodu ta' motivazzjoni mekkanika għal ieħor ta' waħda organika. Ma baqax marbut biss mal-ħtiġiet tal-familja iżolat f'inħawi mbiegħda, iżda, kien beda jfittex imkejjen, li setgħu, barra jaqduh fil-ħtiġiet immedjati tiegħu, ilaqqgħuh ma' nies oħra li magħhom sata' jaqsam ideat ġodda u jpartat il-prodotti żejda ma' oħrajn li sata' jiġi bżonn. Kienet din il-ġibda li ressqithom lejn abitat ġdid li fih li-familja sabet art komuni biex tintegra aktar b'armonija ma' l-istituzzjonijiet ġodda tat-twemmin u ta' ordni soċjali.

L-osservazzjoni li AMS għamel fuq il-fatturi ġeofiżiċi fil-qalba tal-gżira huma, għalhekk, importanti biex jifhem għala l-bniedem ta' żmien il-Bronż għażel roqgħa art li setgħet taqdih fil-ħtiġiet kollha tiegħu. Dawk l-inħawi kienu, fil-fatt, tagħqida ta' għoljiet, kollha bi qċacet ċatti u waħda xi ftit ogħla mill-oħra. Kollha, iżda, b'wiċċ blat ta' rina li ma kienet isservih għal xejn. Il-widien ta' bejniethom, għall-kuntrarju, kienu mergħat ta' ħajja. Fihom, l-ilma u l-ħamrija kienu abbundanti. Kien hawn, f'waħda minn dawn il-mergħat, fuq ħotba ta' art taflija, li l-bidwi 'produttur ta' l-ikel' waqqaf l-ewwel nuklei tal-ħidmiet industrijali u kummerċjali. Post ideali f'dak iż-żmien ta' ċaqliq, meta t-tafal kien il-materja prima għall-bini ta' djaru u l-ħaxix fil-mergħat madwaru l-għalf għall-imrieħel tiegħu.

Fdalijiet ta' dan il-post instabu minn D.H. Trump fit-Tokk u juru li din l-attività ftit li xejn waqfet minn żmien il-Bronż sa żmien l-Għarab. Hemm, fl-istess inħawi nstabu fran għall-ħami tal-fuħħar u hemm ukoll kien hemm imfakar u rħamijiet bi ħżuż li bihom il-bniedem wera l-għożża għal dawk li sawrulu belt u tawh identità. Għal dawn l-ewwel żewġ millenji u nofs, dokumentazzjoni bil-miktub ta' kif żviluppa daċ-ċentru urban kważi ma teżistix. Il-ftit li għandna bdiet titfaċċa fis-sekli XIII u XIV, iżda, hi wkoll tant skarsa u mimlija b'tant ekwivoċi fit-terminoloġija, illi bla konoxxenza tal-post u bla għajnuna ta' l-arkeoloġija, l-istudjuż ta' l-istorja mhux dejjem jasal biex jinterpretaha sewwa. Xi kittieba, għalhekk, isemmu biss li Għawdex kellu oppidum, iżda, ma jħallu l-ebda indikazzjoni ċara fl-opri tagħhom fejn kienet din l-oppidum tagħna.

## Fdalijiet Puniċi u Rumani

Illum minn stħarriġ arkeoloġiku nafu li din l-oppidum kienet tinfirex fuq roqgħa art żgħira, m'hix akbar minn 1,000 qasba kwadra, iddemarkata mill-fdalijiet ta' ċimiterji qodma. Fiha nstabu l-fdalijiet Puniċi u Rumani kollha li għandna: medalji u muniti, statwi, bċejjeċ tal-fuħħar, u rħamijiet bi ħżuż fuqhom. Stelta tas-seklu III q.K. issemmi li kien hemm tliet tempji jew forsi erbgħa. U oħra ta' l-ewwel seklu w.K. tirriferi għat-twaqqif ta' muniċipju. Siġill Biżantin jixhed li dan l-oppidum seta' kien ukoll kastron jew stazzjon militari. F'nofs is-seklu IX fid-*descriptio orbis romani* il-kastron tnizzel bħala waħda mill-14-il belt jew castrum ta' Sqallija u fl-1143 Nilos Doxoprates isemmiha wkoll fl-Ordni tat-Troni Patrijarkali. Fl-1241 f'dal-*castrum* kienu joqogħdu 366 familja. Fl-1299 ma' dal-*castrum* jitfaċċa *castrum* ieħor. U fl-1524 il-Kummissjoni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, li kienet ġiet tistudja l-gżejjer, sabet li dawn kienu *borgo* u *castello*.

Fl-ewwel deskrizzjoni miktuba ta' dal-kumpless urbanistiku fil-qalba tal-gżira, l-istoriku ta' l-Ordni, Giacomo Bosio, jgħid li l-*borgo* kien *chiamato da loro Rabbat* u kellu ħdejn il-bieb tiegħu l-fdalijiet ta' rħam ta' l-oppidum Ruman: u il-*castello* kien *la sua fortezza unica e sola u molto piccola*: kienet ta' forma rotonda u mibnija fuq *un piccolo e eminente colle o scoglio di tufo*, iżda, kienet *impotente e inhabile a potere resistere ad ogni piccola armata* u li ġo fiha kien hemm *pochissima artigliaria*.

Mhux probabbli, għalhekk, kif jgħidu xi kittieba, li dan il-*castello* tant *piccolo* u maqtugħ għalih fuq *colle piccolo*, seta' kien il-*castrum* imsemmi minn Giliberto Abbate fl-1241, li barra *centimulo, taverne, tube* u bini ieħor kien hemm joqogħdu fih madwar 2,000 ruħ. Il-qalba tal-gżira, sa tarf is-seklu XIII, kienet għadha ma żviluppatx fl-għamla li tidher illum. Għawdex sar *terra semi-awtonoma*, imfassla fuq il-mudelli urbani medjoevali ta' *borgo, castello e casali*, wara l-1270. Sa dak iż-zmien Sqallija, li magħha kienu jagħmlu wkoll il-gżejjer Maltin, kellha biss 150 *terra* u Għawdex ma kienx wieħed minnhom. Fl-1276 la kellu *castellano* u lanqas *vici-castellano*. L-ewwel *custodiam castri nostri Gaudisii* nħatar fid-19 ta' Lulju 1276.

## Organizzazzjoni fewdali

Din tista' tkun indikazzjoni li ta' l-anqas minn dik is-sena f'Għawdex kienet bdiet taħdem ċerta organizzazzjoni fewdali. Minkejja dan, iżda, A. Luttrell iwissi li sas-seklu XIV *Maltese institutions should not be inserted into supposedly permanent, 'rigid' feudal or bureaucratic systems and hierarchies, which in practice did not function in Sicily, let alone in the lesser islands*. Madanakollu, ħjiel ta' *castri nostri*, bħala palazz fortifikat tal-*procuratores bonorum* jew ta' min kellu f'idejh il-*potere regio*, jitfaċċa fl-1299.

Id-dokumentazzjoni għanja tas-seklu XV, li hemm f'arkivji f'Malta u barra minn Malta, dwar Għawdex titfa' dawl sew fuq id-differenza tal-*castrum* ta' Gilibertus Abbate, li sa l-1455 kien ħa l-isem ta' *Rabbato* jew Rabat u l-*castri nostri*, fejn Guillielmus de Malta kien qed jinżamm fi kważi eżilju. L-ewwel *castrum* kien il-*borgium* li fih kienu jgħixu l-maġġoranza tal-Gaudisiani: *li dicti poviri su angariati a li guardii di la terra et a la maramma di li mura et multi altri andarii in serviciu di la regia maiestati*, bl-*universitas* tagħhom, bis-swieq u bil-knejjes tagħhom. Il-*castrum* l-ieħor kien il-*castellum*, maqtugħ għalih fuq għolja, fejn il-*Justitiariis, vel capitaneis, ac Procuratoribus Insulae Gaudisii* kellhom djarhom. Matul ix-xiżma l-kbira u waqt ir-ribelljoni tan-nobbli Sqallin kontra s-slaten t'Aragona aktarx li bidel is-sidien kemm-il darba. Fl-1392 kien id-demanju assolut tal-*Vicario* Manfredi Chiaramonte u fl-1411 il-bejta tar-ribelli Sqallin, kapeġġjati minn Bennar Cabrera, u mħallsin mill-*Curia Romana*. Wara x-xiżma l-kbira sar ukoll sede tal-Vigarju Foranew. Barra l-palazz tal-*capitaneo* kien hemm ukoll il-*curia* tal-Provigarju bl-*ecclesia maior* tiegħu. Fl-1442 kien ħerba u xi bini fih kien waqa' f'idejn is-*secrezia* ta' Malta.

## Il-curia tal-Provigarju

Fl-1530 l-Ordni ta' San Ġwann ħaditu f'idejha u fih poġġiet Kavallier bħala Gvernatur tal-gżira. Fl-1551 Dragut ħabat għalih u ħarbat lilu u lill-*borgo* ta' taħtu. Sa tletin sena wara aktarx li kienu saru xi tiswijiet, għax fl-1580 viżitatur iddiskriviehom bħala *castellaccio* u *bellissimo borgo*.

Deskrizzjoni tagħhom aktar dettaljata minn hekk ma jidhirx li qatt tfaċċat. Fil-*Insulae Melitae descriptio*, Jean Quintin isemmi l-oppidum li fil-bieb ewlieni tiegħu fost irħamijiet antiki oħra kien hemm skrizzjoni li tgħid li dan l-oppidum kellha muniċipju. F'manuskritt fuq Għawdex tas-seklu XVIII, ċertu Gio Giuseppe Caxaro jgħid li meta n-nies naqsu fi żmien il-Kavallieri *il castello fù restretto come al presente*, u bħalu kważi jirripetu Agius de Sodanis u Padre Pelogi li għalihom 'imġarrfa din il-belt qadima u mwaqqgħin biż-zmien it-torrijiet u l-ħitan tagħha, is-swar tagħha ċkienu skond il-wisgħa li kienet tippermetti l-għolja li fuqu nbena, kif kien dejjem mibni, is-sur imsejjaħ il-kastell t'Għawdex'. Debono fil-ktieb tiegħu *Storia di Malta* ħa ħafna minnhom u G.P.Badger fl-1858 jiddiskrivi r-Rabat bħala *chief town of Gozo* li fiha kien hemm il-parroċċa ta' San Ġorġ, tliet kunventi tal-patrijiet, u żewġ sptarijiet, wieħed għall-irġiel u l-ieħor għan-nisa: il-kastell jiddiskrivih bħala citadel, b'ċirkumferenza ta' ftit aktar min-nofs mil, li fiha għajr il-qorti u l-knisja ta' l-Assunta ftit kien hemm xejn x'wieħed jara.

Dwar l-antikità ta' din iċ-*citadel* kiteb f'aktar dettall Dr.A. Lutterell fl-1981 fir-rapport li kien issottometta lit-taqsima tal-patrimonju kulturali ta' l-UNESCO. B. Bluet ukoll jirriferi fit-tul għaliha fil-ktejjeb tiegħu *Gozo (Malta, 1965)*. Studji interessanti kienu wkoll pubblikati minn uħud mill-aħjar studjużi Maltin, fosthom il-Prof. A.Bonanno u l-Prof. G.Wettinger, fil-ktieb *Gozo: Roots of an Island* edittjat minn Fr. Ch. Cini fl-1990. Il-perit De Lucca f'dan il-ktieb jipprova jsib tarf ta' fejn kien preċiż ir-*roman settlement* u josserva li *it is not yet clear as to whether the Gran Castello site formed the acropolis of the lower town*. Fl-istess waqt ma naqasx juri li hemm xi ftit konfużjoni ukoll dwar is-sit, id-daqs u l-għamla ta' *the area covered by the Roman town*.

## Konfużjoni fl-istorja

Din il-konfużjoni ma ħakmitx lil De Lucca biss. Fl-imgħoddi t-taħwid inħoloq bit-tradizzjonijiet jew il-*pie dicitur*, li tħallew jitħalltu ma' l-istorja. It-taħwid kompla xtered permezz ta' xi rumanzi storiċi u fil-kotba-gwidi.

U dan l-aħħar permezz ta' kittieba li, biex jiksbu *honorific antiquities* għall-istituzzjonijiet tagħhom, lesti li jiggranfaw ma' kull xorta ta' stejjer. AMS, per eżempju, donnu jħares lejn stħarriġ arkeoloġiku mhux awtorizzat bħal dak tal-koppja Daniża, Veen u Van der Blom bħala vanġelu. Xi kittieba sa jaslu biex jimmanipulaw anki l-istorja u jġibuha tixbaħ lill-organett ta' l-idejn: tinfetaħ u tingħalaq skond t-ton li rridu jdoqqu.

Eżempju klassiku ta' dan it-tip ta' storja organett hu l-mod kif xi wħud jirrakkuntaw mnejn bdiet u kif kibret il-belt t'Għawdex. Jibdew l-istorja tagħhom fil-preistorja

• għal paġna 28

# Tagħrif dwar ir-Rabat Għawdex

• minn paġna 27

b'acropolis li kienet tinfirex minn fuq l-għolja tal-kastell sat-Tokk: fi żmien ir-Rumani, din l-acropolis kibret fuq in-naħa t'isfel u saret oppidum muniċipali: fi żmien l-Għarab, l-oppidum reġa' ngħalaq u sar Medina: id-daqs tal-għolja ftit iżgħar milli kienet l-acropolis fil-bidu: aktar tard, għall-medjuevu il-Medina reġgħet infetħet u saret *castrum* id-daqs li kien l-oppidum Ruman: u fi żmien il-Kavallieri il-*castrum* inqasam fi tnejn u sar *Gran Castello* u *subborgium*: u fl-aħħar, fi żmien l-Ingliżi, il-*Gran Castello* sar ċittadella u s-subborg, *città Victoria*.

## Verżjonijiet diversi

Verżjoni differenti jagħtiha Joseph Bezzina u tgħid li: "*the first fortified village of the island was probably built on this hill now occupied by the Citadel of Gozo. Several remains datable to the local Middle and Late Bronze Ages (1500-700BC) were unearthed in the area. The Citadel hill must have soon proved itself too small for the community and several inhabitants moved down its slopes and occupied flat open spaces on lower levels – among them the spot that was later to develop as the main square of the town and island of Gozo*".

U verżjoni oħra, aktarx aktar akkademika, tgħid li dan l-ambjent urban kien darba belt waħda magħmul minn żewġt ibliet, waħda fuq u l-oħra isfel, aktarx fuq il-mudell tal-belt ta' Lix, li kienet bħalna kolonja tal-Feniċi.

Skond Scylax Lix kienet ukoll maqsuma f'żewġ partijiet magħżula minn xulxin: l-*acropolis* fuq għolja, in-naħa ta' fuq, u l-oppidum, aktar għall-witgħa, fuq in-naħa t'isfel. Hekk kien, skond din il-verżjoni, ir-Rabat fi żmien ir-Rumani: belt waħda kbira li twassal sa taħt ta' Putirjal (*Main Gate Street*): fi żmien l-Għarab, imbagħad ċkienet bħar-Rabat ta' Malta u saret Medina. Żviluppat f'*castrum* medjoevali fi żmien in-Normanni: iżda, aktar tard mal-kummerċ, taħt dan il-*castrum*, trawwam *subburgium*, li n-nies sejħu r-Rabat.

## Oppidum u Castrum

Liema waħda minn dawn l-istejjer hi l-aktar kredibbli tista' tgħidu biss id-dokumentazzjoni li għandna: dik miġbura mill-arkeoloġija u dik mill-arkivji. Ta' l-ewwel tibda minn żmien il-Bronż u tibqa' sejra sa truf il-Medjuevo meta l-ħitan kienu jduru dawra mejt magħha. Sas-seklu XVII, fdalijiet tagħhom kienu għadhom jidhru.

Kienu huma, fil-fatt, li servew ta' konfini bejn il-parroċċa ta' Santa Marija tal-kastell u l-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat meta fl-1625 l-Isqof Cagliares esegwixxa d-digriet li bih l-Isqof Gargallo, permezz tas-sinodu djoċesan ta' l-1592, qatagħha li jgħaqqad il-ġuspatronati u d-deċmi tal-kampanja mal-prebenda tal-kappillan tal-Kastell.

Tat-tieni tibda min-nofs is-seklu XIII. Dik il-habta, iżda, in-nutara Sqallin li tawna l-ewwel ħjiel dwar din il-belt fil-medjuevo, fil-kitbiet tagħhom kienu ta' spiss iħawdu n-nomenklatura latina. L-*oppidum* kienu jniżżluh b'*castrum* u l-*castello*, daqqa oppidum u daqqa *castrum*.

L-istrutturi arkitettoniċi li bihom il-kastell stess kien mibni, iżda, ma kienx iħalli ekwivoċi.

U lanqas xi palazzi ta' ġo fih. Il-*castello*, skond l-ewwel deskrizzjoni tiegħu fil-Bosio, ma kienx la Normann, li bħalhom kien iddiskriva Ibn Giobayr, u lanqas tat-tip ta' kastelli li bnew is-Swevi. A. Luttrell ixebbah il-bini fih ma' djar u palazzi fi Sqallija tas-seklu XIV, aktarx fl-istil tal-familja Chiaramonte, li John Ward-Perkins jgħid kien tferrex kulfejn meddew riġlejhom dawn ta' Chiaramonte.

## Marki indelibbli ta' l-Aragoniżi

Iżda, forsi, l-aktar marki indelibbli li ħallew l-Aragoniżi tagħhom stess kien il-kult tal-qaddis tagħhom San Lawrenz. Id-dedikazzjoni stess, ta' l-ewwel kappella fil-kastell lil dal-qaddis tista' tkun xhieda oħra taż-zmien li fih twaqqaf dan il-kastell.

Illum, kemm ir-Rabat u kemm iċ-ċittadella huma parti mnn kumpless urban wieħed, magħruf uffiċjalment bħala l-belt Victoria. It-tnejn, iżda, bil-karatterestiċi ġeografiċi u storiċi tagħhom: ir-Rabat b'oriġini fil-preistorja magħġun fit-tafal ta' l-art li fuqha hu mibni, hu l-belt soċjali u kummerċjali: iċ-ċittadella hi l-belt medjoevali, simbolu ta' *regio potere* għal kulmin, minn tarf is-seklu XIII sa tarf is-seklu XVIII, saltan fuq pajjiżna. It-tnejn b'timbru Mediterranju.

Tant, li meta Christopher Keninmouth, kittieb Ingliż, sab ruħu f'dawk it-toroq dojoq tagħhom, milqugħ bit-tbissima dħulija ta' nies dejjem daħkana, qal li ħass *to the barrow of my bones* illi kien f'pajjiż Mediterran.

Din l-identità la hi prodott biss tar-Rabat u lanqas taċ-Ċittadella. Hi riżultat ta' proċess soċjali, u u ta' taħlit ta' kulturi u razez li ħakmu fuqna, li kif jinnota Fernand Braudel, sawru ċiviltà li biha aħna lkoll għandna nkunu kburin.